MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 125/2007

Kawza fil-lista: 42

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta: li l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Jannar 1997, u f'dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal, D u E, rispettivament fid-29 t' Ottubru 1997 u fil-21 ta' Mejju 2002; li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba nuqqas tal-konvenuta; li l-istanza odjerna giet debitament awtorizzata mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja; u ghalhekk qed jitlob li dina il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet; [2] tawtorizza lill-attur jghix separatament minn ma' martu; [3] tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f' idejn l-

attur u tiddeciedi dwar l-access tal-konvenuta; [4] tiddikjara xolta  l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet; [5] tillikwida l-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet; [6] tikkundanna lill-konvenuta thallas citazzjonijiet dwar kontravenzjonijiet tas-sewqan pendenti fir-rigward tal-vettura IAG201; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet li: [1] hi taqbel li tigi ppronunzjata s-separazzjoni, izda unikament bi htija ta' l-attur fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16;  [2] taqbel li l-partijiet jigu awtorizzati jghixu separatament minn xulxin; [3] topponi li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata f' idejn l-attur izda ghandha tigi fdata f' idejn il-konvenuta; [4] taqbel illi tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti; [5] taqbel li ghandhom jigu likwidati l-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u jinqasmu f'zewg porzjonijiet; [6] ma taqbilx mal-hlas da parti taghha tal-kontravenzjonijiet tas-sewqan pendenti fi-rigward tal-vettura IAG201 peress li dawn diga` thallsu minnha stess;

Rat il-kontro-talba maghmula mill-konvenuta rikonvenzjonanti u li tinsab inserita fil-process a fols. 28 sa 31 u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];

Rat ir-risposta ta' l-attur rikonvenzjonat, li tinsab inserita fil-process a fols.63 sa 66, u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inluzi l-affidavits prezentati, u r-rapporti tal-haddiema socjali u ta' l-Avukat tat-Tfal, u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

Minn naha taghha l-konvenuta wkoll, permezz tal-kontro-talba, qed taghmel talba ghas-separazzjoni personali, minhabba htija unika ta' l-attur fit-termini ta' l-artikolu precitat, kif ukoll minhabba nkompatibilita' ta' karattru.

Iz-zewg partijiet qed jitolbu wkoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni personali**
Illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Jannar 1997 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt t'itfal, D u E. Wara li l-partijiet bdew jesperjenzjaw diffikultajiet matrimonjali serji ghal habta fis-sena 2005, l-attur telaq mid-dar konjugali fit-22 Settembru ta' l-istess sena.

*Verzjoni Attur*
L-attur jghid li martu hija persuna dominanti u possessiva u li "iz-zwieg taghna kien karatterizzat minn glied kontinwu ghaliex C dejjemm riedet li tghaddi taghha."[1] Jghid li l-problemi zdiedu wara t-twelid tat-tieni wild f' Mejju 2002 peress li l-konvenut, filwaqt li kienet tirrifjuta li tohrog ma' l-attur fil-weekends, kienet tohrog filghaxija ma' shabha; bir-rizultat li kienet titraskura l-familja u d-dar, ghalkemm ma kienitx tahdem barra.

Eventwalment il-hrug tal-konvenuta beda jsir aktar frekwenti, u f' okkazzjonijiet kienet ammettiet ma' l-attur li hi kienet harget ma' rgiel, izda ssostni li ma kellhiex relazzjonijet intimi maghhom. Sussegwentement l-attur skopra li l-konvenuta kellha relazzjoni extra-matrimonjali ma' ragel iehor li mieghu hi kienet tmur go appartament mikri appozitament il-Mellieha.

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta tghid li l-inkwiet beda fis-sena 2005 meta l-komportament ta' l-attur kien tali li jqanqal suspett ta' infedelta' da parti tieghu. Meta kienet issaqsih fejn kien

[1] Vol.1 – fol.70

ikun, meta kien jidhol tard wara x-xoghol, kien jghidilha li ma kienx affari taghha, u li ma kellhiex tindahal. F’ dan iz-zmien huwa kien beda jkun zorr maghha u anke aggressiv, u ssemmi episodji ta’ vjolenza fizika. Tghid li hu kien beda jheggigha tohrog ma’ shabha u tmur Paceville.

Tghid li f’ dan iz-zmien l-attur kien ihalliha nieqsa mill-flus biex tixtri l-bzonnijiet tal-hajja, filwaqt li kien jonfoq il-paga fi hwejjeg tad-ditta, u rigali. Lejn l-ahhar tas-sena 2005 huwa hareg mid-dar u qatt ma rritorna lura. Kien qallha biex “ma nistennihx ghax sab lil xi ihadd li vera jhobb.”[2] Minn dak in-nhar li telaq mid-dar “sal-lum”[3] qatt ma’ hallas manteniment ghal uliedu.

Illum iz-zewg partijiet qedin f’ relazzjoni stabbli ma’ terzi persuni; u l-konvenuta ghandha tarbija mis-sieheb taghha.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*
Illi, wara ezami rett tal-provi, il-Qorti hija tal-fehema li dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba r-relazzjonijiet extra-matrimonjali da parti taz-zewg partijiet, u ghalhekk jahtu t-tnejn ugwalment ghas-separazzjoni personali.

Inoltre dan il-komportament jattira fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48[1] tal-Kap.16.

**Kura u Kustodja**
Illi f’ dan il-kaz l-interessi tal-minuri jiddettaw li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata esklussivament f’ idejn il-konvenuta u t-tfal jghixu ma’ l-omm, filwaqt li decizjonijiet importanti dwar is-sahha u edukazzjoni tal-minuri ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri; u li l-missier ghandu dritt li jkollu nformazzjoni diretta dwar l-edukazzjoni u sahha tal-minuri.

Li l-access favur il-missier, ghaz-zewgt-it tfal, minuri jkun kull gimgha, mill-Gimgha 6.00pm sas-Sibt 6.00 pm; u t-tfal

---
[2] Vol.2 – fol.225
[3] Ibid.

jingabru ghall-access mill-attur mir-residenza tal-konventua, filwaqt li l-konvenuta tigbor lit-tfal mir-residenza tal-attur fi tmien l-access.

Illi Lejliet il-Milied, Jum il-Milied, Lejliet l-Ewwel tas-Sena u fl-Ewwel tas-Sena kif ukoll fl-Ghid il-Kbir il-partijiet ghandhom jaqsmu l-gurnata b'mod alternattiv fis-sens illi mill-festi li jmiss l-missier ikollu access ghall-uliedu f'Lejliet il-Milied, Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ghid il-Kbir bejn 10.00 am sal-5.00 pm filwaqt li f'Jum il-Milied u fl-Ewwel tas-Sena l-access tal-missier ikun bejn 5.00 pm sal-10.00 pm; mentri dan ghandu jalterna fis-sena ta' wara billi l-access tal-missier ikun f'Lejliet il-Milied, Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ghid il-Kbir bejn il-5.00pm sal- 10.00 pm filwaqt li f'Jum il-Milied u fl-Ewwel tas-Sena ikun bejn 10.00 am sal-5.00 pm u hekk jibqa' jalterna kull sena minn sena ghall-ohra.  Dan sabiex it-tfal ikunu jistghu igawdu liz-zewg genituri fil-festi kollha.

Illi ghal Jum l-Omm u fil-birthday ta' l-omm, il-minuri jibqghu ma' l-omm;  filwaqt li fil-Jum il-missier u fil-birthday tal-missier, l-missier ikollu access ghall-minuri mill-10.00 pm sas-6.00 pm

Illi fil-gurnata tal-birthday tal-minuri, il-missier ikollu access mill-4.30 pm sat-8.00 pm

Illi il-passaport tal-minuri ghandu jinhareg bil-firma taz-zewg genituri u l-ebda genitur m'ghandu johrog lill-minuri mill-gzejjer Maltin minghajr il-kunsens bil-miktub tal-parti l-ohra moghti preventivament bil-miktub minn ta' l-anqas xahar qabel it-tluq wara li l-parti li mieghu ikun ser isiefer il-minuri jkun informa lill-parti l-ohra bid-dettalji kollha tas-safar, itinerarju, postijiet fejn ser ikun qed joqoghod il-minuri flimkien ma' numru telefoniku fejn ikun jista' jaghmel kuntatt ma' l-istess minuri.

**Manteniment**

Illi, stante li l-partijiet inkorrew fis-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu precitat, ma hemmx manteniment x' jigi likwidat, hlief dak dovut ghat-tfal minuri.

Illi, stante li l-minuri ser jibqghu jghixu ma' l-omm, l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta, bhala manteniment ghal ulied minuri, is-somma ta' mija u sittax ewro [€116] ghal kull wild, kull erba' gimghat, u dan ghandu jitnaqqas direttament mill-paga ta' l-attur. Dan il-manteniment ghandu jghola skond l-indici ufficjali ta' l-gholi tal-hajja. Kwalunkwe beneficju tal-familja jew children's allowances ghandhom jigu percepiti mill-konvenuta.

Inoltre, l-attur ghandu jhallas l-ispejjez kollha ta' l-edukazzjoni inkluzi uniformijiet, stationery u transport, kif ukoll nofs l-ispejjez ta' sahha u dawk extra-kurrikulari tal-minuri, u dan mhux aktar tard minn xahar mill-prezentata tad-debita rcevuta mill-konvenuta.

Dan il-manteniment jieqaf meta t-tfal ikollhom tmientax-il [18] sena, jew sakemm jaghqlu t-tlieta u ghoxrin [23] sena jekk ikunu qed jippartecipaw f' edukazzjoni, tahrig jew taghlim full-time. Izda dan l-obbligu jieqaf jekk it-tfal ikunu qed jahdmu bi qligh regolari u adegwat.

**Kommunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi din tikkonsisti fil-mobbli li jinsabu elenkati fid-dok.DV1 a fol.129 tal-process, li kopja tieghu qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici C], liema affarijiet baqghu fil-pussess tal-konvenuta li, minn naha taghha, filwaqt li matul il-kawza ma kkontestatax l-imsemmi dokument, tghid li dawn ilhom fil-pussess taghha ghaxar snin u ghalhekk "minhabba wear and tear l-affarijiet hemm indikati m' ghadhomx kollha jezistu, u dawk li fadal ghandhom valur minimru"[4] u noltre dawn huma ta' uzu ghal uliedhom.

Illi fir-rigward, il-Qorti, tenut kont li l-kontenut ta' l-imsemmi dokument ma kienx giex kontestat mill-konvenuta, u tenut kont li l-affarijiet baqghu fil-pussess taghha u baqghu jintuzaw minnha, tikkunsidera gust fic-cirkostanzi li tassenja sehem-l attur minn dawn il-mobbli lill-konvenuta sabiex jigu jappartjeni lilha fl-intier taghhom, filwaqt li

[4] Nota sottomissjonijiet

tordna li l-konventua thallas lill-attur somma ta’ erbat-elef u sitt mitt ewro [€4,660] bhala ekwiparazzjoni. Din is-somma tirrapprezsenta l-valur totali tal-mobbli LM5,000, nieqes l-ammont ta’ LM1000 [illum €2,329 ] stabbilit arbitrio boni viri, stante li uhud mill-oggetti jintuzaw mit-tfal. Ghalhekk il-konvenuta ghandha thallas lill-attur nofs l-ammont ta’ LM4,000 [illum €9,317 ] in linea ta’ ekwiparazzjoni, u cioe’ LM2,000 [illum €4,659 ].

Illi rigward l-vetturi EAJ 626 u IAG 201, l-attur jghid li dawn gew scrapped fil-mori tal-proceduri, izda mill-atti jirrizulta li ta’ l-ewwel biss giet skreppjata u dan fit-28 Mejju 2010, filwaqt li ma hemmx provi dokumentali f’ dan is-sens fuq il-vettura IAG 201. Ghalhekk il-Qorti tordna li, sakemm ma’ jirrizultax li sad-data ta’ din is-sentenza din il-vettura tinsab skreppjata, hija ghandha tigi valutata, u nofs il-valur taghha jithallas lill-konvenuta, b’ mod li din il-vettura tigi proprjeta’ ta’ l-attur fl-intier taghha. L-istimatur Joseph Zammit qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop, a spejjez taz-zewg partijiet, jekk dawn ma jaslux ghall-valur konkordat.

Illi rigward l-ispejjez gudizzjarji tal-kawza [36/2010] ndikata mill-attur, huwa car li dawn ghandhom jigu regolati skond is-sentenza moghtija f’ dik il-kawza.

Illi finalment, rigward id-digriet tal-5 Ottubru 2010, il-Qorti tosserva biss li permezz ta’ dak id-digriet il-Qorti kienet laqghet fit-termini taghha t-talba ta’ l-attur maghmula b’ rikors prezentat fl-10 Awissu 2010, u l-istess digriet ghandu l-effetti legali tieghu f’ dan is-sens.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija taz-zewg partijiet;

[2] tilqa’ t-tieni talba;

[3] tilqa’ t-tielet talba limitatament, u fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’;

[4] tilqa’ ir-raba u l-hames talba, u xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u tillikwidaha u

tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;
[5] tichad is-sitt talba stante li ma rrizultax sodisfacentement li hemm kontravvenzjonijiet pendenti;

Tiddecidi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens gja’ fuq deciz;
[2] tilqa’ t-tieni talba limitatament fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;
[3] tilqa’ it-tielet talba fis-sens gja’ fuq deciz;
[4] tilqa’ ir-raba’ talba fis-sens li tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu;
[5] tilqa’ il-hames talba fis-sens gja’ fuq deciz;
[6] tichad is-sitt talba;
[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba’ talba stante li din hija superfluwa;
[8] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba stante li ngabux provi sodisfacenti f’ dan ir-rigward;

L-ispejjez ikunu a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------